



Brussell, 18 ta' Settembru 2020
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0089(COD)

9592/20
ADD 1

CONSOM 118
MI 233
ENT 80
JUSTCIV 72
DENLEG 46
CODEC 628

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.	9059/20
Nru dok. Cion:	7877/18 + ADD 1-5
Suġġett:	DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-azzjonijiet rappreżentattivi għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi, u li tħassar id-Direttiva 2009/22/KE - Dikjarazzjoni mill-Estonja

– Dikjarazzjoni mill-Estonja –

L-Estonja tilqa' l-għan tad-Direttiva dwar l-azzjonijiet rappreżentattivi għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi sabiex jissaħħaħ il-mekkaniżmu għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi f'suq dejjem aktar globalizzat u diġitalizzat.

Madankollu, l-Estonja jiddispijaċiha li din id-Direttiva speċifika għal settur iddgħajjed id-dritt proċedurali ċivili u l-awtonomija tal-Istati Membri billi tintroduċi diversi regoli li huma ta' natura orizzontali u li diġà jeżistu fl-Istati Membri kollha. Dawn ir-regoli huma pereżempju l-prinċipju ta' min jitlef iħallas, *res judicata*, *lis pendens*, ċaħda ta' rikors. Fil-fehma tagħna, l-awtonomija proċedurali hija ta' siwi kbir u għandha tiġi rispettata meta jinħolqu strumenti tad-dritt proċedurali ċivili.

L-Estonja hija wieħed mill-Istati Membri li appoġġaw il-fehma li proċedura tal-Unjoni għandha tkopri sitwazzjonijiet transkonfinali, li tippermetti lill-Istati Membri jistabbilixxu sistemi nazzjonali huma stess. Għadna nemmnu li dan kien ikun l-approċċ it-tajjeb. Ir-regoli tal-Unjoni għandhom jiġu introdotti biss f'sitwazzjonijiet fejn l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jsovvu l-problema waħedhom. Fil-fehma tagħna, il-ħolqien ta' sistema nazzjonali għal azzjonijiet rappreżentattivi mhijiex kwistjoni minn dawn.

Ir-regoli għall-finanzjament tal-entitajiet kwalifikati nazzjonali u l-eżami tiegħu għandhom ikunu kompetenza ta' Stat Membru. Sfortunatament, ir-regoli għall-finanzjament fit-test finali huma ta' natura orizzontali. Għal dan il-għan, konna nippreferu l-Approċċ Ġenerali, li kien jikkonċerna biss il-finanzjament ta' entitajiet kwalifikati transkonfinali.

Ninsabu ferm imħassbin dwar il-fatt li l-formulazzjoni tal-Artikolu 7(1) ma tidistingwix bejn azzjonijiet domestiċi u dawk transkonfinali. Għalhekk, l-Estonja jidhrilha li t-test ma jipprekludix interpretazzjoni li skontha r-regoli nazzjonali ta' Stat Membru tal-forum jistgħu jagħmluha impossibbli għal entità kwalifikata ta' Stat Membru ieħor iffinanzjata minn parti terza li tibda proċeduri abbażi biss tal-fatt tal-finanzjament minn parti terza mingħajr ma lanqas jiġi vvalutat sa fejn twassal l-influenza tal-finanzjaturi. Dan huwa riżultat li ma nistgħux naqblu miegħu. Tali restrizzjoni mhijiex konformi mal-oġettivi tad-Direttiva u ser tagħmilha diffiċli b'mod mhux raġonevoli u ser tkun ta' piż finanzjarju għall-Istati Membri zġhar biex isibu entitajiet kwalifikati transkonfinali għajr korpi pubbliċi.

L-Estonja hija tal-fehma li d-determinazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' direttiva dwar il-liġi tal-konsumatur permezz ta' 68 strument, inkluż kemm direttivi kif ukoll regolamenti, mhix ċara u hija diffiċli immens biex tiġi applikata fil-prattika. Pereżempju għandna diffikultà biex nifhmu kif tiddetermina l-kamp ta' applikazzjoni fil-każ ta' direttiva dwar l-armonizzazzjoni minima li ġiet trasposta fil-liġi nazzjonali fejn ir-regoli nazzjonali jmorru lil hinn minn dawk fid-Direttiva.

Barra minn hekk, ninsabu diżappuntati li ż-żmien għat-traspożizzjoni u l-applikazzjoni tad-Direttiva tqassar b'mod sostanzjali meta mqabbel mal-Approċċ Ġenerali. Il-perijodi mhumix biżżejjed għal Stat Membru żgħir, bħall-Estonja, li m'għandux sistema għal azzjonijiet rappreżentattivi fis-seħħ, biex jistabbilixxi din is-sistema kumplessa.

Konsegwentement, u b'enfasi mill-ġdid fuq l-appoġġ tagħha għall-għan tal-protezzjoni tal-konsumatur, l-Estonja ser tastjeni milli tivvota dwar din id-Direttiva.
